31997F0154

AZZJONI KONĠUNTA
ta' L-24 ta' Frar 1997
adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tirrigwarda l-azzjoni sabiex jiġi miġġieled it-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal

(97/154/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3 (2) (b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tal-Belġju,

Billi l-istabbiliment ta' regoli komuni għal azzjoni sabiex jiġu miġġielda t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal x'aktarx li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ċerta immigrazzjoni mhux awtorizzata u ttejjeb il-koperazzjoni ġudizzjarji fil-materji kriminali, li huma ta' interess komuni għall-Istati Membri fit-tifsira ta' l-Artikolu K.1 (3) u (7) tat-Trattat;

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni dwar it-traffiku fil-persuni umani adottata mill-Parlament Ewropew fit-18 ta' Jannar 1996 [1] u r-Riżoluzzjoni dwar il-vittmi tal-vjolenza li huma minuri, adottata fid-19 ta' Settembru 1996 [2];

Filwaqt li jżomm f'moħħu r-Rakkommandazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-traffiku fil-persuni umani adottata mill-Kunsill fid-29 u t-30 ta' Novembru 1993;

Filwaqt li jżomm f'moħħu l-konklużjonijiet tal-Konferenza Ewropea dwar it-traffiku fin-nisa, miżmuma fi Vjenna fil-10 u l-11 ta' Ġunju 1996;

Filwaqt li jżomm f'moħħu l-Kungress Dinji kontra l-isfruttament kummerċjali sesswali tat-tfal miżmum fi Stokkolma mis-27 sal-31 ta' Awissu 1996;

Filwaqt li jiftakar fl-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989;

Billi t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal jikkostitwixxu kontravenzjonijiet gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikolari tad-dinjità tal-bniedem;

Konxju mill-ħtieġa li titqies il-posizzjoni partikolarment vulnerabbli tal-vittmi ta' dan it-tip ta' delitti, b'mod partikolari l-vulnerabbiltà tat-tfal;

Billi t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal jistgħu jikkostitwixxu għamla importanti tal-kriminalità internazzjonali organizzata, li l-kobor tagħha qiegħed dejjem jinkwieta iktar lill-Unjoni Ewropea;

Anzjuż li jimplimenta l-miżuri meħtieġa sabiex iġib fit-tmiem tiegħu t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal;

Filwaqt li jqis il-fatt illi l-Kunsill diġà ddeċieda li jieħu miżuri effettivi kontra t-traffiku fil-persuni umani billi adotta Azzjoni Konġunta għalbiex jistabbilixxi Direttorju taċ-Ċentri ta' eċċellenza [3] u billi jistabbilixxi Programm ta' Skambju għat-taħriġ tal-persuni kompetenti f'din il-materja [4];

Filwaqt li jikkunsidra illi rigward ċerti tipi ta' traffiku fil-persuni umani u ta' sfruttament sesswali tat-tfal, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jieħdu azzjoni orkestrata sabiex tegħleb l-ostakoli, fejn jeżistu, kontra l-koperazzjoni ġudizzjarji effettiva dwar is-suġġett, skond il-programm multi-nazzjonali dwar il-koperazzjoni fl-Affarijiet Ġudizzjarji u ta' l-Intern, adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Ottubru 1996;

Konxju mill-ħtieġa ta' approċċ multi-dixxiplinarju fil-kwistjoni tat-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal;

---

[1] ĠU C 32, tal-5.2.1996, p. 88.
[2] ĠU C 320, tat-28.10.1996.
[3] ĠU L 342, tal-31.12.1996, p. 2.
[4] ĠU L 322, tat-12.12.1996, p. 7.

Filwaqt li jinnota illi t-termini wżati f'din l-Azzjoni Konġunta ma jirreferu għall-ebda sistema legali jew liġijiet nazzjonali imma, mill-banda l-oħra, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tas-sistemi legali ta' l-Istati Membri;

Filwaqt li jinnota illi d-disposizzjonijiet ta' din l-Azzjoni Konġunta huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Isati Membri skond il-konvenzjonijiet li magħhom huma marbuta, bħalma hi l-Konvenzjoni tan-NU tas-sena 1950 dwar is-soppressjoni tat-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' l-oħrajn, jew għad-dritt ta' l-Istati Membri li jieħdu miżuri li jtejbu iktar il-protezzjoni tat-tfal jew li jiġġieldu t-traffiku fil-persuni umani,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

TITOLU I

IL-MIRI

A. Għall-gwida ta' l-Istati Membri huma u japplikaw din l-Azzjoni Konġunta, u mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet iktar speċifiċi fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri, il-kunċetti li ġejjin huma mifhuma, fil-kuntest ta' din l-Azzjoni Konġunta:

(i) "traffiku" bħala kull imġiba li tiffaċilita d-dħul, it-transitu, ir-residenza jew il-ħruġ mit-territorju ta' Stat Membru, bil-għan iddikjarat fil-punt B (b) u (d);

(ii) "sfruttament sesswali" fejn jidħlu tifel/tifla, bħala l-imġiba li ġejja:

(a) it-tħajjir jew l-isfurzar ta' tifel/tifla sabiex jagħmlu attività sesswali mhux skond il-liġi;

(b) l-użu ta' l-isfruttament ta' tifel/tifla fil-prostituzzjoni jew prattiċi oħra sesswali mhux skond il-liġi;

(ċ) l-użu ta' l-isfruttament tat-tfal fit-twettiq tax-xogħol pornografiku u f'materjali pornografiċi, inklużi l-produzzjoni, il-bejgħ u t-tqassim jew għamliet oħra tat-traffiku f'dawn il-materjali, u l-pussess ta' dawn il-materjali;

(iii) "sfruttament sesswali" fejn titħol persuna adulta, mill-inqas l-użu ta' l-isfruttament tal-persuna adulta fil-prostituzzjoni.

B. Sabiex tiġi mtejba l-koperazzjoni ġudizzjarji fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kull wieħed mill-Istati Membri jindaħal, filwaqt li jirrispetta r-regoli kostituzzjonali u t-tradizzjonijiet legali ta' kull wieħed mill-Istati Membri, li jagħmel rivista tal-liġijiet nazzjonali rilevanti tiegħu fejn jirrigwarda l-miżuri ddikjarati fit-Titoli II u III li għandhom x'jaqsmu mat-tipi ta' mġiba intenzjonati li ġejjin, skond il-proċedura ddikjarata fit-Titolu IV:

(a) L-isfruttament sesswali ta' persuna oħra għajr tifel/tifla għal għanijiet ta' qligħ, meta:

— jintgħamel użu mill-isfruzar, b'mod partikolari il-vjolenza jew it-tehdid, jew

— jintuża l-qerq, jew

— ikun hemm abbuż ta' l-awtorità jew kull pressjoni oħra, li tkun hekk illi l-persuna ma jkollha l-ebda għażla reali jew aċċettabbli għajr li tissottometti għall-pressjoni jew l-abbuż involuti;

(b) it-traffiku f'persuni umani oħra għajr it-tfal għall-għanijiet tal-qligħ bil-ħsieb ta' l-isfruttament sesswali tagħhom skond il-kondizzjonijiet iddikjarati fil-paragrafu (a);

(ċ) l-isfreuttament sesswali jew l-abbuż sesswali tat-tfal;

(d) it-traffiku fit-tfal bil-ħsieb ta' l-isfruttament jew l-abbuż sesswali tagħhom.

TITOLI II

Il-miżuri li jridu jittieħdu fil-livell nazzjonali

A. Kull wieħed mill-Istati Membri jrid jagħmel rivista tal-liġijiet u l-prattiċi eżistenti bil-ħsieb li jipprovdi illi:

(a) it-tipi ta' mġiba ddikjarati fit-Titolu I B jiġu kklassifikati bħala offiżi kriminali;

(b) dawn l-offiżi, u, bl-eċċezzjoni tal-pussess riferit fit-Titolu I A (ii) (ċ), il-parteċipazzjoni jew l-attentat li jiġu kommessi, ikunu kkastigati b'penali kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi;

(ċ) il-persuni legali, meta approprjat, jinżammu amministrattivatemnt lijabbli f'konnessjoni ma' l-offiżi elenkati fit-Titolu I B jew responsabbli kriminalment għal dawn l-offiżi, kommessi f'isem il-persuna legali skond il-modalitajiet li jridu jiġu ddefiniti fil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru. Din il-lijabbiltà tal-persuna legali hija mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà kriminali tal-persuni umani fiżiċi li kienu kompliċi ta' dawn l-offiżi jew istigawhom;

(d) il-penali u, meta approprjat, il-miżuri amministrattivi riferiti fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan it-Titolu jinkludu:

— safejn u sakemm jirrigwardaw persuni naturali, għall-inqas fil-każijiet gravi, il-penali tal-kustodja li jistgħu jinvolvu l-estradizzjoni,

— il-konfiska, meta approprjat, ta' l-istrumenti u l-introjti ta' dawn l-offiżi,

— meta approprjat u kif ipprovvdut bil-liġijiet amministrattivi jew kriminali ta' l-Istati Membri, l-għeluq temporanju jew permanenti ta' l-istabbilimenti li kienu ntużaw jew maħsuba sabiex jiġu kommessi dawn l-offiżi;

(e) l-offiżi koperti b'din l-Azzjoni Konġunta jridu, meta approprjat, jidħlu fl-iskop ta' l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tas-sena 1990 dwar il-Ħasil, it-Tfittxija, il-Qbid u l-Konfiska ta' l-Introjti mill-Kriminalità;

(f) l-awtoritajiet tiegħu jkuuu kompetenti rigward l-offiżi ddikjarati fit-Titolu I B (ċ) u (d), għall-inqas fil-każijiet meta:

(i) l-offiża tiġi kommessa, fl-intier tagħha jew f'parti minnha, fit-territorju tiegħu,

(ii) bl-eċċezzjoni ta' l-offiża tal-pussess tal-materjal pornografiku riferit fit-Titolu I A (ii) (ċ), il-persuna li tkkommetti l-offiża tkun ċittadin jew residenti abitwali ta' dan l-Istat Membru.

B. Meta jkun xorta oħra kuntrarju għall-prinċipji stabbiliti tal-liġijiet kriminali li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisdizzjoni, Stat Membru jista', meta jew ikun qiegħed jadotta jew jeżerċita l-kompetanza riferita fil-punt A (f) (ii), jipprovdi illi l-offiża trid tkun ikkastigata wkoll taħt il-liġijiet ta' l-Istat Membru fejn kienet kommessa.

Ċ. Meta Stat Membru jżomm il-ħtieġa tal-kriminalità doppja riferita fil-punt B, għandu jżomm il-liġijiet tiegħu taħt rivista, sabiex jiżgura illi din il-ħtieġa ma tkunx ta' ostaklu għall-miżuri effettivi kontra ċ-ċittadini jew ir-residentri abitwali tiegħu li jkunu ssuspettati li ndaħlu għal dawn l-offiżi fil-ġurisdizzjonijiet li jistgħu ma jkunux ħadu l-miżuri adegwati riferiti fl-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989.

D. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni pprovvduta fil-punt A (f) (ii) biss jew jitwettqu ċerti kondizzjonijiet proċedurali, jew meta min ikun allegat li għamel l-offiża ma jistax jiżi estradit minħabba:

— rifjut mill-Istati Membri interessati li jħarsu talba għall-estradizzjoni magħmula mill-Istat fejn kienet kommessa l-offiża, jew

— konferma minn dan l-Istat ta' l-aħħar illi ma jkunx beħsiebu jitlob l-estradizzjoni ta' min ikun allegat li għamel l-offiża, jew

— nuqqas minn dan l-Istat li jitlob fi żmien raġjonevali l-estradizzjoni ta' min ikun allegat li għamel l-offiża.

E. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura illi b'żieda mal-miżuri kostrinġenti ordinarji bħalma huma t-tfittxija u l-qbid, ikunu disponibbli poteri u modi tat-teknika investigattivi adegwati sabiex jgħinu li jiġu investigati u mħarrka effettivament l-offiżi elenkati fil-punt A (a), (b) u (e), skond id-drittijiet tad-difiża u l-privatezza tal-persuni umani bla ħsara għal dawn il-miżuri.

F. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw:

(a) il-protezzjoni approprjata għax-xhieda li jipprovdu t-tagħrif li jirrigwarda l-offiżi riferiti fil-punt A (a), (b) u (e), b'mod partikolari skond ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Novembru 1995 dwar il-protezzjoni tax-xhieda fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata [1];

(b) l-assistenza approprjata għall-vittmi u l-familji tagħhom.

Għal dan il-għan, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi:

(i) il-vittmi jkunu disposnibbli meta meħtieġa mis-sistema ġudizzjarja kriminali ta' l-Istat Membru sabiex jixhdu f'kull azzjoni kriminali, u dan jista' jintitolahom għall-istatus ta' residenza temporanja fil-każijiet approprjati; u

(ii) il-vittmi jiġu megħjuna li jmorru lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini taghom, jew lejn pajjiż ieħor li jkun lest li jilqagħhom, bid-drittijiet u l-protezzjonijiet sħaħ mogħtija bil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri.

B'żieda ma' dan, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi l-vittmi ta' l-offiżi riferiti fit-Titolu I B jingħataw l-assistenza approprjata sabiex jagħtihom il-poter li jiddefendu l-interesi tagħhom quddiem il-Qrati.

Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jeżamina kif iżomm lill-familji tat-tfal li jkunu vittmi ta' l-offiżi koperti b'din l-Azzjoni Konġunta mgħarrfa bil-progress ta' l-investigazzjoni.

[1] ĠU C 327, tas-7.12.1995, p. 5.

Ġ. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura illi s-servizzi li x'aktarx ikollhom l-esperjenza rilevanti fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal, b'mod partikolari l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni, tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa, jagħti attenzjoni speċjali lill-problemi konness mat-traffiku tal-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal u, filwaqt li jirrispetta l-liġijiet interni ta' l-Istat Membru, jikkopera ma' l-awtoritajiet responsabbli mill-investigazzjoni u l-kastig ta' l-offiżi riferiti fil-punt A (a), (b) u (e). Fil-każijiet li jistħoqqilhom attenzjoni speċjali, dawn is-servizzi għandhom b'mod partikolari:

— jagħtu pariri lil dawn l-awtoritajiet minn rajhom, meta jkun hemm raġunijiet sodi li jiġi kkunsidrat illi tkun ġiet kommessa waħda minn dawn l-offiżi,

— jipprovdu lil dawn l-awtoritajiet it-tagħrif kollu utli, jew fuq talba jew minn rajhom,

— meta approprjat, jieħdu sehem fil-proċeduri bħala esperti.

H. Għall-għanijiet sabiex jiġi żgurat illi l-ġlieda kontra t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal ikunu effettivi fis-sħiħ, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi l-attivitajiet ta' l-awtoritajiet responsabbli minn din il-ġlieda jkunu kkordinati kif jixraq, billi jippermettu l-possibbiltà ta' avviċinament multi-dixxiplinarju. Per eżempju, dan il-kordinament jista' jinvolvi, fil-livell nazzjonli jew reġjonali, jiddependi mill-istruttura u s-sistema legali ta' l-Istat Membru interessat, lid-dipartimenti ministrjali, is-servizzi tal-pulizija, l-awtoritajiet ġudizzjarji li jispeċjalizzaw fil-materja, kif ukoll lill-korpi pubbliċi li jkunu ngħtaw responsabbiltajiet speċali f'dan il-qasam.

I. L-awtoritajiet ta' kull wieħed mill-Istati Membri għandhom iqisu kif mistħoqq il-kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal ta' kull grupp, fondazzjoni u assoċjazzjoni li, bis-saħħa ta' l-Istatut tagħhom, ikollhom bħala mira l-ġlieda kontra dawn l-offiżi.

TITOLU III

Il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri

A. L-Istati Membri għandhom jikkonċedu lil xulxin il-koperazzjoni ġudizzjarji l-iktar wiesgħa possibbli fl-investigazzjonijiet u l-proċessi ġudizjarji li jkollhom x'jaqsmu ma' l-offiżi riferiti fil-punt A (a), (b) u (e) tat-Titoli II.

B. Kull wieħed mill-Istati Membri li jkun għamel riserva jew dikjarazzjoni rigward l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka fil-Materji Kriminali tal-20 ta' April 1959, għandu jagħmel rivista tagħhom sabiex jivverifika jekk jistgħux joħolqu ostaklu għall-koperazzjoni effettiva ma' l-Istati Membri l-oħra fejn jidħlu l-offiżi koperti b'din l-Azzjoni Konġunta.

Ċ. L-Istati Membri għandhom, skond l-arranġamenti applikabbli u l-konvenzjonijiet fis-seħħ, jiżguraw illi l-ittri rogatorji jiġu ttrattati malajr kemm jista' jkun u għandhom iżommu lill-Istat tat-talba mgħarraf fis-sħiħ dwar il-progress tal-proċedura.

D. L-Istati Membri għandhom, meta approprjat, jieħdu l-miżuri meħtieġa, sabiex jippermettu t-trasmissjoni diretta tat-talbiet għall-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti lokalment.

E. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu, meta dawn il-ħatriet ma jeżistux, jaħtar awtorità tal-kuntatt jew numru minnhom li jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati fl-eventwalità ta' diffikultà li jikkonformaw ma' l-ittri rogatorji urġenti.

F. L-Istati Membri għandhom ukoll, skond it-tradizzjonijiet legali rispettivi ta' kull wieħed mill-Istati Membri u skond il-konvenzjonijiet u l-arranġamenti li jkunu japplikaw, jikkonċedu lill xulxin assistenza fl-iskambju tat-tagħrif li jkun ta' natura amministrattiva f'wieħed mill-Istati Membri jew li jaqa' taħt il-kompetenza ta' l-awtoritajiet amministrattivi.

G. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi t-tagħrif li jirrigwarda lill-minuri nieqsa u lill-persuni umani nieqsa ddikjarati ħatja ta' l-offiżi ddikjarati f'din l-Azzjoni Konġunta kif ukoll it-tagħrif li jkun utli għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni ta' dawn l-offiżi jiġi organizzat hekk illi jkun aċċessibbli fil-pront u jkun jista' jintuża b'mod effettiv u skambjat ma' l-Istati Membri l-oħra.

H. Mingħajr preġudizzju għall-investigazzjonijiet u l-proċeduri proprji, kull wieħed mill-Istati Membri jista', mingħajr ma jiċċievi talba minn qabel, jikkomunika lil Stat Membru ieħor kull tagħrif fattwali meta jikkunsidra illi l-iżvelar ta' dan it-tagħrif x'aktarx li jgħin lill-Istat riċevitur li jibda jew iwettaq investigazzjnijiet jew proċeduri sabiex jipprevjieni jew jikkastiga l-offiżi riferiti fil-punt A (a), (b) u (e) tat-Titolu II jew li x'aktarx li jinvolvi talba għall-koperazzjoni ġudizzjarji minn għand dan l-Istat Membru.

I. L-iskambju u l-komunika tat-tagħrif riferit fil-paragrafi F, G u H għandhom jitwettqu skond id-dritt għall-privatezza u skond l-istrumenti applikabbli u l-liġijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-proċessar ikkomputerizzat tat-tagħrif personali.

J. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu u jallertjaw lill-postijiet diplomatiċi u konsulari tagħhom, meta japplika, fil-pajjiżi terzi u jagħmlu l-aħjar użu mill-possibbiltajiet offruti lilhom, fil-kuntest tal-koperazzjoni internazzjonali kontra t-traffiku fil-persuni umani u l-isfruttament sesswali tat-tfal.

TITOLU IV

L-impenn u s-segwiment

A. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jressaq proposti approprjati sabiex jimplimenta din l-Azzjoni Konġunta għalbiex jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tagħhom.

B. Il-Kunsill irid jistma, fuq il-bażi tat-tagħrif approprjat, it-twettiq mill-Istati Membri ta' l-obbligi tagħhom skond din l-Azzjoni Konġunta, sa l-aħħar tas-sena 1999.

Ċ. Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

D. Għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Frar 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

H. VAN MIERLO